

32007E0173

L 79/40

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

20.3.2007

**POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2007/173/PESK****tad-19 ta' Marzu 2007****li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra ċerti uffiċjali tal-Belarus**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' April 2006, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ċerti uffiċjali tal-Belarus <sup>(1)</sup>. Dawn il-miżuri jiskadu fl-10 ta' April 2007.
- (2) Fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarus, il-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK għandha tiġi estiża b'perijodu ulterjuri ta' 12-il xahar,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

*Artikolu 1*

Il-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK hija b'dan estiża sa l-10 ta' April 2008.

*Artikolu 2*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha jkollha effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Marzu 2007.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
Horst SEEHOFER

<sup>(1)</sup> ĠU L 101, 11.4.2006, p. 5. Il-Pożizzjoni Komuni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2006/718/PESK (ĠU L 294, 25.10.2006, p. 72).